**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BRALA QORTI TA' GUDIRATURA RRIMINALI**

**A.Micallef Trigona LL.D, MAG. JUR (EU LAW**
**Magistrat**

**I1-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Diego Borg**

**Illum 5 ta' April 2001**

**Il-Qorti,**

**Rat 1-atti tal-kumpilazzjoni kontra 1-imputat Diego Borg ta' 19 il-sena bin Joseph Mary u Maria Rosaria nee' Mc Ray imwieled Pieta u joqghod numru 1, Triq Pinto, Qormi, ta' karta ta' identita numru 405089(M)** mixli talli fil-21 ta ' Awissu ghal habta ta' xi 7.OOpm fi Triq Tal-Handaq, Qormi:

(1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Christopher Polidano minn Hal-Qormi f'perikolu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' 1-istess Christopher Polidano skond kif iccertifikat Dr Mary Rose Cassar MD ta' 1Isptar San Luqa u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 214 tal-Kap 9 talLigijiet ta' Malta;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f'parti ta' 1-ghamla tal-gisem (kisser sinna) ta' 1-istess Christopher Polidano u dan bi ksur ta' 1Artikolu 218(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni w 1-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmi Christopher Polidano sabiex jinsulentah, iwegghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta u bil-ponta (sikkina) kontra Christopher Polidano u dan bi ksur ta' 1'Artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra, bill-ponta jew strument iehor bill-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil pubbliku kliem indecenti w oxxenn, liema kliem kienu jikkonsistu f'dagha u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil kliem insulta u hedded lil Christopher Polidano u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 339(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat 1-att tar-rinviju tal-Avukat Generali (folio 92) li bih dehrlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija-(jew htijiet) taht dak li hemm mahsub

fl-artikoli minnu hemm citati fil-konfront tal-imputat w iddecida kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tal-imputat b'dan pero li qabel tisma kull prova ohra li ggib il-pulizija.

Rat li ebda prova ohra ma giet prodotta mill-pulizija u li-l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstemgha u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat huwa akkuzat primarjament li kkaguna ferita ta' natura gravi. Gie wkoll akkuzat li kellu strument li jaqta w bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Kap 66 u b'diversi kontravenzjonijiet taht-l-Artikolu 338 u 339 tal-Kap 9.

Dwar li l-incident meritu dina l-kawza verament sehh bejn l-imputat u certu Christopher Polidano m'hemm ebda dubbju. Jirrisulta wisq car mill-provi li f id-data, post u hin imsemmija fl-akkuza waqt li Polidano kien qieghed jirrangja van ta' missieru ghand il-mekkanik inzerta li ghadda minn hemm l-imputat. Inizjalment huwa waqaf u t-tnejn indirizzaw xi diskors lillxulxin izda sussegwentement meta l-imputat rritorna lura gew flidejn. Hawnhekk

kellhom jigu mifruda minn xulxin mill-mekkanik u persuna ohra li dak 1-hin inzertat fejn il-garaxx. Dawn 1-ahhar zewg persuni xehdu f'dawn il-proceduri w x-xhieda taghhom tasserixxi 1-htija ta' 1-imputat fl-offizi li jirrigwardaw: 1pussess minnu ta' strument li jaqta u bil-ponta (sikkina) bi ksur ta' 1-Artikolu 13(1) tal-Kap 66; 1-kontravenzjonijiet li jirreferu li hedded lill-istess Polidano (Artikolu 339(e) tal-Kap 9); li kiser il-bon ordni w 1-paci pubblika (Artikolu 338(dd) tal-Kap 9), li qal klien indicenti u mhux xieraq fil-pubbliku (Artikolu 338(bb) tal-Kap 9). In propositu ghat-theddid din ilqorti qeghdha tikkonsidrah fil-kliem li 1-imputat indirizza lillPolidano meta qallu "taf illi nasal jien Chris" riportati folio 35 (xhieda ta' Stephen Buhagiar). Inghad dan pero 1-qorti ma tarax li 1-pussess tas-sikkina tinkwarda fl-estremi ta' 1Artikolu 25 u 26 tal-Kap 66 jew wkoll li hu applikabbli kontra 1-imputat, stante wkoll 1-principju li jirregola 1-assorbiment ta' reati w offizi, 1-Artikolu 339(b) u (d) tal-Kap 9.

Dwar 1-akkuza principali x-xhieda hija karenti dwar 1-esistenza ta ' xi ferita gravi ghalkemm mix-xhieda ta ' Charles Xuereb (folio 39) hu deducibbli li xi feriti kien hemm. Fin-nuqqas ta' prova univoka 1-feriti ghandhom jigu kunsidrati bhala hfief u f'din 1istanza, stante 1-verbal reciproku ta ' rinunzja (folio 65 fl-atti tal-kawza kontra Christopher Polidano), 1-akkuza hi estinta.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi issib 1-imputat hati biss kif gej u cjoe talli fil-jum, hin u lok indikati -.

(1) volontarjament kiser il-bon ordni w 1-paci pubblika; (2) kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija; (3) hedded bil-kliem lil Christopher Polidano; (4) qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen;

Rat fir-rigward l-Artikolu 13(1) tal-Kap 66 u l-Artikolu 338 (bb) (dd) , 339 (e) , 17 (d) u 23 (1) tal-Kap 9 u tikkundannah multa komplessiva ta ' Lm75. Tordna l-konfiska tas-sikkina fil-waqt li tilliberah mill-kumplament tal-akkuzi.

A.M. Trigona Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment it-traskrizzjoni tat-tape.

Albert Calleja
Dep. Registratur.